MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1784/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc,
surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Greetings Limited u l-istess Greetings Limited**

**Vs**

**Michael Anthony Scicluna**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm195.69c) rapprezentanti danni rizultanti minn incident awtomobilistiku li gara l-Hamrun fil-21 ta' Novembru, 2002 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura FBG 705 u

habat mal-vettura CAF 991 proprjeta’ tas-socjeta’ attrici Greetings Limited li kienet ipparkjata, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mperizja, mprudenza, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-konvenut ghandu jigi lliberat a spejjez ta’ l-attur stante li l-fatti ma sehhewx kif qed jghid l-attur u ghalhekk l-allegazzjonijiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-kawza.

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Mula u ta’ Joseph Farrugia ghan-nom ta’ Greetings Limited.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Michael Anthony Scicluna, fil-21 ta’ Novembru, 2002 kien qed isuq il-vettura FBG 705 fi Triq P.P. Mifsud kantuniera ma’ Triq Monsinjur De Piro, l-Hamrun u laqat il-vettura pparkjata tas-socjeta’ attrici Greetings Limited bin-numru ta’ registrazzjoni CAF 991.

Ma jirrizultax mill-atti jekk kienx hemm xi raguni valida ghaliex il-vettura misjuqa mill-konvenut kellha tahbat mal-vettura tas-socjeta’ attrici Greetings Limited u ghalhekk it-Tribunal m’ghandux ezitazzjoni biex jikkonkludi illi l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut li habat gewwa karozza pparkjata u b’hekk hemm presunzjoni, li ma gietx ribattuta, li l-konvenut kien qed isuq b’imperizja, negligenza u nuqqas ta’ osservanza.
Id-danni mitluba huma ta’ mija u hamsa u disghin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm195.69c) u jinsabu pjenament ikkonfermati mid-dokumenti esebiti kif ukoll mix-xhieda ta’ Joseph Mula u ghalhekk it-talba kif dedotta tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talba ta’ l-atturi, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli

ghall-kollizjoni msemmija u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm195.69c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------